VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 58

It-Tnejn 19 ta' Frar 2024

Il-Kunsill Lokali Valletta ltaqa' fl-Uffiċċini tal-Kunsill Lokali fil-16:00 hrs.

PREŻENTI:
Alfred Zammit – Sindku
Raymond Azzopardi – Viċi Sindku
Vincent Fabri – Kunsillier
Lian Pace – Kunsillier
Jurgen Briffa – Kunsillier (Skuzat)
Mark Spiteri Lucas – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 120A (20):
Christian Micallef – Minority Leader

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv
Christabel Busuttil – Office Assistant

## Minuti

Is-Sindku ippreseda din il-laqgħa.  Il-Kunsill qal it-talba.

### 58.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

58.1.1 Nil

### 58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

58.2.1 Il-Minuti gew approvati

### 58.3 Komunikazzjoni mis-sindku

58.3.1 Is-sindku informa illi id-dawl tat-toroq mill-Excelsior Hotel sal-Muzew tal-Gwerra huwa lest u mixghul. L-arbli l-antiki ghandhom jitnehhew meta jitlesta ix-xoghol kollu. Is-sindku informa illi hemm xi ftit problemi biex isir ix-xoghol fuq in-naha l-ohra.

58.3.2 Is-sindku informa li ircieva xi ilmenti dwar il-parkegg ta' fejn il-palazz ta' l-isqof. Xi resident issugerew biex isiru xi parkeggi mal-hajt tal-Palazz. RA infurmah li TM ma jaghtux permess biex dan isir.

58.3.3 Is-sindku informa illi it-tender tal-faccata tal-Knisja ta' San Pawl hemm il-possibilita li jigi ikkancellat. GA ser tattendi laqgha mad-Dipartiment tal-Kuntratti biex isir dan. Dan wara li gew innutati diskrepanzi li jaffettwaw l-ammont massimu tal-variations.

GA spejegat li il-BOQ li ghamel il-perit li qabbad l-arcipriet fih informazzjoni mhux cara u ghalhekk previst li ikun hemm iktar minn 10% variations. GA infurmat illi hija mhux komda tiffirma ghal dawn il-variations kollha. Il-Planning Authority infurmaw illi huma ma humiex qed japprovaw variations ta' iktar minn 10%. Wara li giet infurmata b'dan hija qedgha tiehu parir mid-DLG peress li hi mhux perit.

Is-sindku esprima interess li issir stqarrija dwar din is-sitwazzjoni. RA u MSL issugerew li dan ma isirx ghax din hija issue interna.

58.3.4 Is-sindku informa illi huwa kellu laqgha ma' Arthur Turner, l-accountant tal-Kunsill fejn dan infurmah li ghal-ewwel darba fit-tmexxija ta' kunsill dan ghandu surplus ta' madwar €250,000. Is-sindku qal jahseb li sar xoghol tajjeb. Dawn il-flus imfaddla huma minhabba skart u spejjez ohra illi il-kunsill kellu fis-snin ta' qabel imma issa ma ghandux. Is-Sindku irringrazzja lil GA u lit-team ta' l-accounts immexxi minn Arthur Turner li gwidwawna hafna

58.3.5 Is-sindku esprima interess illi issir xi stand fejn tghaddi il-Purcissjoni tal-Gimgha il-Kbira biex l-anzjani ikunu jistghu jarawha. RA issugerrixxi illi minflok jitpoggew siggijiet fit-telgha ta'  Melita Street fejn il-Ministeru tas-Sahha biex n'hekk jintuzaw siggijiet biss u ma tinghalaqx it-triq.

58.3.6 Is-sindku saqsa lil min ser jinnomina il-kunsill bhala Mara tas-sena. JB issugerrixxa lil Doris Montfort ghax din hija attiva f'hafna ghaqdiet.  MSL issekonda. Il-kunsill kollu qabel.

### 58.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

58.4.1 GA infurmat illi kellha tiehu il-progetti ta' l-EU f'idejha. Bhalissa hija qedgha tahdem ma Ivana ta' The Islands fuq xi progett ta' l-Interreg.  Hija tkellmet li qed taghmel xoghol li suppost jaghmel l-EU + International Affairs Officer.

58.4.2 GA infurmat illi il-progett tal-bandli tal-Qampiena ser isiru bil-flus illi il-kunsill irnexxilu ma jonfoqx biex isir il-progett tal-bandli ta' Sant' Iermu. It-total ghaz-zewg bandli ser jiswa mhux iktar €100,000 u ser jinkludi ukoll id-dawl.

58.4.3 GA infurmat illi il-bust ta' Pawlu Curmi il-Pampalun ser isir fil-Bandli tad-Due Balli. Id-DLG approvaw li issir direct order biex il-kunsill jixtri il-bust minghand Indri. Il-pedestall tal-bust hemm cans li jigi sponsorjat imma dan ghadu irid jigi ikkonfirmat

58.4.4 .GA infurmat illi ser issir laqgha ma l-entitajiet kollha (Lands, Pulizija, MTA etc) nhar it-Tlieta 27 ta' Frar dwar l-attivitajiet tal-Gimgha Imqaddsa, inkluz Hamis ix-Xirka. Ghal din il-laqgha mistidnin is-Sindku u is-Segretarju Ezekuttiv u it-Town Center Manager.

58.4.5 GA infurmat illi saret application mill-King's Own Band Club lis-segretarja tar-Regjun Port. Dan il-progett jammonta ghal-madwar €10,000 u ser jithallas mir-Regjun Port. JB spjega illi b'dawn il-flus il-King's Own ser jorganizzaw 2 kuncerti, wiehed fi Pjazza San Gorg u l-iehor fi Pjazza Teatru Rjal.

58.4.6 GA infurmat illi il-public convenience ta' Marsamxett kwazi lesti.

58.4.7 GA infurmat illi il-cameras ser ikunu qedghin jahdmu bis-sistema tal-GO flok tal-Melita minhabba li dawn ma ghandhom l-infrastruttura li hemm bzonn.

58.4.8 GA infurmat illi minhabba li kunsilli ohra kellhom xi problemi bil-bollards u U-bars u li trid illi min japplika ghalihom irid jiffirma li huwa risponsabbli ghalihom. Il-kunsill qabel dwar dan.

58.4.9 GA infurmat illi kellha laqgha ma grupp studenti tan-nursing li ser ikunu qedghin jaghmlu out reach u ser tqabbadhom ma entitajiet li jahdmu mal-Beltin.

58.4.10 GA infurmat li giet sottomessa l-adjustment fund biex il-kunsil jista jitlob xi fondi zejda li ma humiex parti mill-allocation.

58.4.11 GA infurmat illi il-kunsill rega ssottometta biex isiru il-fanali fiz-zoni residenzjali bl-iskema tal-LESA

58.4.12 GA infurmat li bhas-sena l-ohra JB flimkien mas-Surmast tal-Banda, il-kunsill ser ikun partecipi fil-kuncert tal-banda tal-Pulizija li din is-sena ser tkun taht il-patrimonju tas-sindku Alfred Zammit. Dan ser ikun parti mill-programm ta' Jum il-Belt.

## 58.5 Mistoqsijiet u kummenti tal-Kunsillieri

58.5.1 MSL saqsa dwar il-laqgha li kellha issir bejn il-Ministru u il-Gwardjan dwar l-attivitajiet tal-Gimgha Imqaddsa saritx. GA infurmatu illi ser issir laqgha ma l-entitajiet kollha (Lands, Pulizija, MTA etc) nhar it-Tlieta 27 ta' Frar dwar dan. Ghal din il-laqgha mistidnin is-Sindku, is-Segretarju Ezekuttiv u it-Town Center Manager.

58.5.2 RA saqsa jekk hemm xi updates dwar il-parkeggi. GA infurmatu illi il-kunsill qieghed idur il-parkeggi bil-mod biex jaraw x'hemm iktar bzonn illi isir u li sar xi xoghol ta' road markings minn Infrastructure Malta.

58.5.3 RA saqsa dwar l-issue ta' l-EU Funds. GA infurmat illi dan mhux ser jigi rifless mal-kontijiet ta' 2023 izda mal-kontijiet ta' 2024.

## 58.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

58.6.1 Nil

## 58.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

58.7.1 NIL

## 58.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Jannar 2024

**58.9** Il-Laqgha tal-Kunsill li imiss ser issir fid-11 ta' Marzu 2024.

IFFIRMATA

Alfred Zammit
Sindku

IFFIRMATA

Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv